**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 41**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku
Daniel Ablett – Kunsillier *(online)*
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**41.1 Approvazzjoni Minuti Nru 39**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 39, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall- approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 39 ġew approvati b'mod unanimu.

**Approvazzjoni Minuti Nru 40**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 40, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 40 ġew approvati b'mod unanimu.

**41.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**41.2.1** **Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2022, fis-6.00p.m. se tinżamm Konferenza Stampa mill-Onor. Silvio Schembri, fejn se jkun qed jiġi ppreżentat il-proġett ta' Pjazza Federico Maempel.

**41.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Clyde M.Puli għas-servizz li ta lill-komunita' qormija u l-komunita' tas-Sitt distrett, fil-Parlament Malti.

**41.2.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li tressqet talba mir-residenti ta' Triq Santa Katerina (bejn Triq Ġużè Duca u Triq l-Imdina) sabiex din it-triq issir One-Way. Is-Sindku nfurma li se tkun qed titressaq t-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**41.2.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nbeda x-xogħol ta' rinnovar tal-Ġnien f'Misraħ iż-Żebbuġ.

**41.2.5** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa x'fadal xogħlijiet fi ġnien Renald Falzon. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kulma fadal huwa li jingħata d-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan id-dewmien ġie kkawżat minħabba tibdil fil-proġett u għaldaqstant kellha titressaq DNO u clearance minn TM u CRPD.

41.2.6 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-librerija tinsab lesta u se tkun inawgurata fil-ġranet li ġejjin. Id-dettalji relatati mal-inawgurazzjoni se jkunu qed jingħataw aktar 'l quddiem.

41.2.7 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-vettura elettrika nxtrat u se tkun qed tiġi rreġistata fuq is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva.

**41.3 MOZZJONIJIET**

**41.3.1 Mozzjoni Nru 106 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 1500 fis-sena sabiex tkopri l-ispejjeż relatati mas-servizz li jingħata minn Dar il-Kaptan lil 6 residenti qriema.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

Ivvutaw favur 8 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**41.3.2 Mozzjoni Nru 107 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-ftehim eżistenti bejn il-Kunsill Lokali u s-sinjuri Josef Cilia u Josef Aquilina jerġa' jiġi mġedded għas-sitt xhur li ġejjin, bl-istess rati li kienu qabel, ossia € 2495 kull wieħed.

Ivvutaw favur 8 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**41.4 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 41.5 KORRISPODENZA

### 41.5.1 Stimi – Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda żewġ stimi ppreżentati mill-Korporazzjoni għas-Servizzi relatati max-xogħlijiet fi Triq Bellić u Triq il-Mitħna. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Korporazzjoni qed titlob li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' € 50,000 sabiex ikun possibli li jsiru mains ġodda.

Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt mal-Ministeru għall-Enerġija sabiex jiġu diskussi dawn l-ispejjeż.

### 41.5.2 Talbiet għal refunds minħabba ħsarat fi Triq il-Belt Valletta

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda 6 talbiet għal refund minħabba ħsarat li soffrew sewwieqa fi Triq il-Belt Valletta.

Il-Kunsill approva li jingħataw kumpens ta' € 70, skont il-policy tal-Kunsill.

### 41.5.3 Stima għal road humps f'Wied il-Kbir

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda stima għal żewġ road humps f'Wied il-Kbir Ħal Qormi, liema stima tammonta għal € 3,350.

Il-Kunsill approva l-istima.

## 41.6 ĦWEJJEĠ OĦRA

**41.6.1** **Il-Kunsillier George Muscat** infurma li xtaq jinnomina persuna għal Għarfien il-Ħila u għamel kuntatt mal-istess persuna, fejn bl-aktar mod arroganti nfurma li hu Ġieħ Ħal Qormi jrid u mhux Għarfien il-Ħila u ilu jiġġieled mal-kunsillier Jerome Caruana Cilia, għal dan l-unur għal dawn l-aħħar 5 snin.

**41.6.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li l-unur Ġieħ Ħal Qormi jingħata fuq kriterji preċiżi u ħadd m'għandu jipretendi għaliex jagħmel xogħol volontarju fil-komunita'.

**41.6.3** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li qed ikollu bosta lmenti dwar l-art mitluqa fi Triq Amleto Spiteri, malli ddur minn Triq l-20 ta' Jannar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din hija art privata u jekk il-Kunsill ikollu ndikazzjoni ta' min huma s-sidien, jitressaq ilment lis-Sanita'.

**41.6.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li bħalissa jinsab għaddej b'diskussjonijiet dwar il-kuntratt tal-knis, fejn il-kuntrattur jidher li s'issa mhux ikollu 7 kenniesa kif miftihem. Barra minhekk is-sistema ta' Datatrak baqgħet ma saritx. Il-Kunsill qabel li tinħareġ Default Notice lill-kuntrattur.

**41.6.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li s-servizz tan-Non Urban u tal-Ġonna mhux up to standard. Is-Sindku qal li filwaqt li kien hemm titjib, jidher li l-livell baqa' ma ntlaħaqx. Għaldaqstant qal li se tkun qed tinħareġ default notice.

## 41.7 PERFORMANCE APPRAISAL REPORT – SEGRETARJU EŻEKUTTIV

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li għaddiet kopja tal-*Performance Appraisal Repor*t lid-Direttur Ġenerali u nfurmat li dan ir-rapport qatt ma ġie diskuss magħha, qabel ittella għall-approvazzjoni. Għaldaqstant fuq gwida tad-DG, poġġiet fuq il-mejda l-Performance Appraisal Report, u talbet li dan ir-rapport jiġi diskuss magħha.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** talbet spjega u raġunijiet tal-kummenti li tniżżlu fuq ir-rapport, bħal l-ewwel kumment fejn ingħad 'Nuqqas ta' rapporti ta' ħidma'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli mir-rapporti finanzjarji u mhux mir-rapporti ta' ħidma.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** qal li fejn jidħlu email, ġieli jibgħat xi emails li ma jkollux risposta, bħalma kienet il-mozzjoni relatata mar-ritratti tal-Kunsilli preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet dawn fejn se jsiru? Il-Kunsillier Sean Apap Meli semma semma' l-*issue* tal-ismijiet ta' fuq l-irħam, ta' Ġieħ Ħal Qormi u s-Sindki.

Issemmiet l-issue tal-fatt li qed isservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** talbet ukoll spjega għal kumment 'Nuqqas ta' *deployment* tal-istaff', għaliex il-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel *deployment of staff*. Dan minbarra li meta kien hemm bżonn li jiġi tterminat impjieg fuq *probation*, is-Sindku waqqafha milli tagħmel dan.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li mhux il-kwistjoni ta' 5% jew 10% performance bonus, għaliex jekk issir ħidma għal performance bonus, tingħata 10% ħidma matul is-sena.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** talbet li l-Kunsill jieħu deċiżjoni definittiva, dwar jekk hux se tiġi ppreżentatha l-mozzjoni ta' sfiduċja għaliex mhux sew li tibqa' mdendla u ma tafx fejn qiegħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sena 2021 ma kinitx sena faċli għaliha u forsi kien għalhekk li l-performance tagħha soffriet u bl-ebda mod m'għandu x'jaqsam il-fatt li qed isservi bħala Deputat Segretarju f'Kunsill Lokali ieħor.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li bħala membri ma jkunux jafu x'inhu jiġri u jekk ikun hemm diffikultajiet b'entitatijiet, għandhom ikunu nfurmati.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li jeħtieġ li l-Kunsill ikollu rapport fuq il-kuntratti l-kbar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed titlob lil *Contracts* Manager sabiex jipprepara r-rapport dwar dawn il-kuntratti.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li issa għadda kollox u l-Kunsill għandu jagħmel *revision* tal-Performance Appraisal Report tas-Segretarju fi żmien 6 xhur.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** qalet li hi qatt ma sabet oġġezzjoni li jkun hemm mid-term performance evaluation interna, kemm għal ħidma tagħha kif ukoll tal-istaff, anzi temmen bi sħiħ li dan it-tip ta' eżerċizzju jgħin sabiex jiġu ndirizzati diffikultajiet b'mod immedjat u jekk ikun problemi jew misunderstandings, jiġu ndirizzati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li tkun idea tajba jekk kultant il-membri jiltaqgħu mhux biss bejniethom, iżda anke mal-istaff, permezz ta' team building activities jew laqgħat informali, bla aġenda u jiġi diskuss dak kollu li jkun hemm bżonn.

**41.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta l-5 ta'April 2022 fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum 5 ta' April 2022.

**IFFIRMATI**
Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv